MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 404/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Angelo Gafa`)**
**Vs**
**Alexia Cross**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti Alexia Cross detentrici tal-karta tal-identita` numru 316279 (M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli

1. F'diversi ġranet fix-xahar ta' Novembru 2008, mill-fond Fantasy, 188, Triq San Bastjan, Qormi, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ikkommettiet serq ta' diversi ċekkijiet tal-Bank of Valletta maħruġa fuq kont bankarju numru 40014745353 kif ukoll ċekk ta' l-HSBC numru 1497 maħruġ fuq kont bankarju 012006060002 bi ħsara ta' Raymond Calleja

mill-Marsa, il-Bank of Valletta plc u l-HSBC Bank Malta plc;

2. Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li kisru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ikkommettiet serq ta' diversi ċekkijiet tal-HSBC maħruġa fuq kont bankarju numru 012015632002 bi ħsara ta' George Galea minn Ħal-Qormi u l-HSBC Bank Malta plc;

3. F'xi perjodu f'Novembru 2008, mill-fond Fantasy, 188, Triq San Bastjan, Qormi, ikkommettiet serq ta' mitejn u hamsin ewro (€250) flus kontanti bi ħsara ta' George Galea minn Ħal-Qormi, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur;

4. F'dawn il-Gżejjer, f'diversi ġranet fix-xahar ta' Novembru 2008, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li kisru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, **iffalsifikat** ċedola, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu ppreżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku ta' Gvern;

5. Fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li kisru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, għamlet **falsifikazzjoni** f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqot pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, nkella billi żiedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

6. Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li kisru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, xjentement **għamlet użu** minn cedola, polza, ordni, jew dokumenti oħra ffalsifikati, illi meta jiġu ppreżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

7. Fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li kisru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, xjentement **għamlet użu** minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, falza;

8. Fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li kisru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni wahda b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor ingann, jew billi wriet ħaġa b'ohra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin centezmu (€2329.37) għad-dannu ta' Conrad Grima mill-Imtarfa u/jew Raymond Calleja mill-Marsa u/jew George Galea minn Hal-Qormi u/jew Bank of Valletta plc u/jew HSBC Malta plc;

9. F'xi perjodu f'Novembru 2008, approprjat ruhha, billi dawret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u ċioe' ħadet u żammet għandha mobile watch b'valur ta' mitejn ewro (€200) għad-dannu ta' Raymond Calleja mill-Marsa u George Galea minn Hal-Qormi, sidien tan-negozju Fantasy, 188, Triq San Bastjan, Qormi, liema mobile watch kien gie fdat jew ikkunsinnat lilha minħabba l-

professjoni,industrija,kummerc,amministrazzjoni, kariga jew servizz tagħha, jew minħabba depożitu necessarju;

10. B’hekk kisret il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta kkommettiet reat iehor wara li nghatat sentenza fejn inghata ordni ta’ probation għal perjodu ta’ tliet snin, liema sentenza ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-12 t’April 2007;

11. B’hekk ikkommettiet reat waqt il-perjodu operattiv ta’ tliet sentenzi sospiżi imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b’sentenzi tagħha ta’ nhar it-2 t’Ottubru 2007, tal-31 t’Ottubru 2007 u tas-6 ta’ Dicembru 2007, liema sentenzi saru definittivi u ma’ jistgħux jinbidlu;

12.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Ottubru, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 261, 267, 279, 284, 285, 167, 183, 169, 184, 308, 309 u 310(1)(a), 293, 294 u 310(1)(b), 18, 28A, 28B u 28F, 17, 18, 31, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u kkundannataha sentejn (2) prigunerija.

Il-Qorti ordnat ulterjorment li l-piena ta’ prigunerija ta’ tmintax (18) –il xahar sospiżi għal erba` snin mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz ta’ sentenza fl-ismijiet “Pulizija vs Alexander Cross et” fit-2 t’Ottubru, 2007, il-piena ta’ sentejn (2) prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz ta’ sentenza fl-ismijiet “Pulizija vs Alexia Cross” fil-31 t’Ottubru, 2007, u l-piena ta’ disa` (9) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2) moghtija mill-Qorti tal-magistrati (Malta) permezz ta’ sentenza fl-ismijiet “Pulizija vs Alexia Cross” fis-6 ta’ Dicembru 2007 jigu rezi operattivi sabiex b’hekk l-appellanti ghandha tiskonta perjodu globali ta’ sitt (6) snin u tliet(3) xhur priġunerija.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha ppreżentat fl-14 ta’ Ottubru, 2011, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tilqa` dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi

tikkonfermaha fil-parti tar-reita` u tħassarha fil-parti tal-piena/sanzjoni billi timponi sanzjoni aktar ekwa fiċ-ċirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti huwa s-segwenti w cioe':-

Illi qabel xejn inghad bir-rispett li ma jezisti ebda dubju dwar ir-reita` da parti tal-esponenti a bazi tal-imputazzjonijiet migjuba – kif wara kollox gie minnha ammess fil-mori ta’ din il-kawza. Ghalhekk dan l-umli appell huwa limitat ghas-sanzjoni mposta. Il-ksur tal-ligi penali sar, l-esponenti taghraf dan u taghraf ukoll li ghal dan il-komportament kellu jkun hemm legittimament ir-reazzjoni tal-awtoritajiet specjalment tal-Awtorita` Gudizzjarja.

1. Illi fl-ewwel lok u bir-rispett, in tema proċedurali, l-esponenti tirrileva li l-kunċett tal-mezz għall-fini u l-kunċett tal-kompriż u involut ma jidhirx li ġew riflessi mill-Ewwel Onorabbli Qorti meta din giet biex tikkalibra l-piena/s-sanzjoni. Hekk per eżempju jista’ jiġi sottomess illi s-serq tac-cekkijiet, il-falsifikazzjoni u l-użu tad-dokument falz kienu l-mezz għal fini ta’ qligħ b’dannu għal terzi.

L-applikazzjoni ta’ tali regoli ta’ procedura, regoli a benefiċċju tal-imputat, kienu jfissru piena jew sanzjoni anqas ħarxa minn dik imposta mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

2. Illi mingħajr preġudizzju ghall-premess, l-esponenti tirrileva umilment li ċ-ċirkostanzi soċjali taghha huma tali li potenzjalment għandhom jattiraw temperament fis-sanzjoni mposta, kemm fejn si tratta tal-piena nflitta ghall-imputazzjonijiet odjerni, kif ukoll fejn si tratta tal-applikazzjoni tal-artikolu 28B tal-Kap. 9.

Illi l-imputazzjonijiet odjerni jmorru lura ghax-xahar ta’ Novembru 2008 u f’xi żmien qabel – perjodu dan

intrinsikament marbut mal-perjodu tas-sena 2007 meta l-esponenti kienet fit-triq xejn feliċi, mingħajr direzzjoni, u bażikament fit-triq li sfortunatament wasslet sabiex hija tiffaċċja l-kawzi fil-Qorti bil-konsegwenzi li dan igib mieghu. Fi kliem ieħor, fil-perjodu 2007-2008 l-esponenti kienet fi żmien diffiċli tal-ħajja tagħha u għamlet affarijiet li fuq kollox jiksru l-ligi penali. Inghatat l-ghajnuna izda minhabba diffikultajiet fil-personalita` taghha, din l-istess ghajnuna ma kelliex l-effett mehtieg.

Illi fil-mori ta' di il-kawża l-esponenti rega` kellha tarbija ohra, bl-obbligi li dan kollu jgib mieghu. Bil-konsegwenza wkoll li hija ma setghetx l-anqas tipprova ssib impjieg, almenu sakemm ma jkunux jeżistu ċ-ċirkostanzi tali li jippermettulha ssib impjieg.

Illi filwaqt li wiehed ma jistax iwarrab mill-perspettiva reali, l-esponenti u l-aġir tagħha, wieħed ma jistax ukoll ma jirrilevax bir-rispett li piena karcerarja effettiva ser ikollha effett, definittivament negattiv, fuq l-ulied minuri, l-aħħar tarbija ta' ftit xhur, tal-esponenti.

Illi din hija r-realta` pezanti li tinsab fiha l-esponenti – izda huwa legittimu li wiehed jemmen li mhux kollox oskur u mitluf.

Illi forsi wieħed jista` faċilment isib ruħu f'sitwazzjoni, meta rinfaccjat bil-kawża odjerna u l-fatti kif sehhew li jikkonkludi li s-sitwazzjoni tal-esponenti hija waħda irriversibbli. Għalkemm din tista` tkun reazzjoni legittima tal-bniedem uman, il-verita` hi li ebda uman ma jista` jitkellem dwar xi haga irriversibbli sakemm dik ma tkunx il-mewt. F'dan il-kuntest l-esponenti tirrikjama dak kollu li qalet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza tat-18 ta' Jannar 2001 fil-kawza "Il-Pulizija vs George Farrugia" (Appell Nru.250/00VDG). L-esponenti hija ta' l-umli fehma li, minkejja dak kollu li ghamlet f'hajjitha, fid-dawl ukoll tac-ċirkostanzi speċjali tagħha, l-estremi tas-sentenza msemmija jistgħu jiġu applikati fil-konfront taghha.

Illi in tema prezenti l-esponenti ma tistax ma ssemmix il-parametri li gew applikati fil-konfront taghha

bis-sentenza riċentissima tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Alexia Cross” tal-14 ta’ Settembru 2011 (Appell Nru 216/2010 DS) – fejn in sintezi hija tqeghdet taht ordni ta’ probation a tenur tal-artikolu 7 tal-Kap. 446.

Illi bir-rispett, fil-kuntest ta’ dan l-umli appell, u sabiex din l-onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali tkun tista` aħjar tikkalibra l-aktar sanzjoni ekwa fic-cirkostanzi, jigi ordnat li jinstemghu l-Ufficjal tal-Probation Chantelle Avellino u t-tabib Dr. Mark Xuereb.

Illi a bazi ta’ dak kollu hawn sottomess u ta’ dak li jista` jigi sottomess u/jew jirrizulta waqt is-smigh ta’ dan l-umli appell, jista` jkun hemm temperament f’sens shih tas-sanzjoni nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Semgħet ix-xhieda ta’ Dr Mark Xuereb, tal-Probation Officer Chantelle Avellino u tas-Sur Konrad Grima.

L-ewwel żewġ xhieda qalu li l-appellanti issa qed toqgħod aktar attenta minn qabel u li għamlet xi progress minn kif kienet qabel.

Konrad Grima li jismu jidher  fid-9 imputazzjoni flimkien ma’ dawk ta’ Raymond Calleja u George Galea xehed fl-14 ta’ Jannar 2013 qal li huwa kien tħallas minn għand Alexia Cross u li kien lest li jaħfrilha.

Xhud oħra kienet Ludgarda sive Lukie Mangion li qalet li l-appellanti hija n-neputija tagħha u li ma xtaqitx  li jitkomplew il-proċeduri kontra tagħha għax l-appellanti kienet ħallsitha.  Hawn ix-xhud kienet qed tirreferi għal sentenza li kienet  ilha li għaddiet in ġudikat għaliex ingħatat fil-31 t’Ottubru, 2007.  F’din is-sentenza kien hemm **kundanna ta’ sentejn  priġunerija sospiżi għal tliet snin.**

Lill-Qorti nġibdiltilha l-attenzjoni għall-imputazzjoni numru 10 dwar il-konnessjoni ta’ reat li bih kisret il-provedimenti tal-artikolu 7 tal-Kap 446 mogħtija f’sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati fit-12 t’April, 2007.    Effettivament il-Qorti tal-

Appelll Kriminali diversament preseduta kienet ipprovdiet dwar din l-ordni permezz ta' sentenza mogħtija fl-14 ta' Settembru 2011, ftit tal-jiem qabel ma ngħatat is-sentenza fis-6 t'Ottubru 2011. L-appellanti kienet għamlet ammissjoni ta' din l-imputazzjoni fl-aħħar parti tal-proċeduri. Din ma kenitx xi ammissjoni bikrija.

Il-Qorti rat ukoll kopja taċ-ċedola ta' depożitu li saret favur Raymond Calleja dwar is-serqa ta' €250 li jidher msemmi bħala vittma tas-serq fit-tielet imputazzjoni, (Imsemmi wkoll bħala vittma tas-serq ta' ċekkijiet taħt l-ewwel imputazzjoni, fit-tmein imputazzjoni u fid-disa' imputazzjoni). L-appellanti qalet li lil din il-persuna ma ntraċċjathiex. **Din il-persuna ma dehritx fil-Qorti fil-morti tal-appell**.

Kienet infurmata wkoll li l-ammont dovut lill-konjuġi Gauci ( b'referenza għal waħda mis-sentenza li l-appellanti kisret) tħallsu u dan skont ma jixhed 'l-anness' verbal fejn l-istess Gauci irtiraw ir-rikors tagħhom. Fir-rikors la hemm referenza għal-liema sentenza u lanqas kopja tal-verbal. Il-Qorti għamlet ir-riċerka fuq il-Lecam u l-ismjiet Gauci jidhru fis-sentenza tas-6 ta' Diċembru, 2007 fejn kienet l-appellanta kienet ingħatat sentenza ta' 9 xhur priġunerija sospiża għal sentejn.

Ikkonsidrat

**L-Ewwel Aggravju**

Li l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma jidhirx li ħadet in konsiderazzjoni li ċerti reati kienu mezz għall-fini.

Il-Qorti eżaminat is-sentenza u mill-parti tad-deċidi jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati imponiet piena ta' sentejn komplessiva għar-reati li jidhru fiċ-ċitazzjoni tal-lum.

Il-Qorti għarblet l-imputazzjonijiet.

Qegħda tinjora għal kollox l-imputazzjoni numru 10 minħabba li din l-imputazzjoni diġa' ttrattatha din il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta u għalhekk, fuq il-prinċipju, 'ne bis in idem' m'għandux ikun hemm 'penali' doppja.

Min-naħa l-oħra jekk wieħed iqis l-imputazzjoniji numru 8 u tapplika għaliha l-artikolu 308 abbinat mal-artikolu 18, wara li tieħu l-ogħla somma indikata €2600 biex wara japplika l-artikolu 18, wieħed jasal għall-konklużjoni li għal din l-imputazzjoni biss il-Qorti tal-Maġistrati setgħet ikkundannat lill-appellant għal piena li twassal sa **ħame**s **snin**.  Dwar din l-imputazzjoni 'ħafer' Conrad Grima. Imma l-persuni msemmija l-oħra (Raymond Calleja u George Galea) ma dehrux.  Ukoll li kieku kulħadd ħafer u kulħadd tħallas,  din l-imputazzjoni hija waħda 'ex ufficio' u l-maħfra ma ġġibx il-ħelsien mill-imputazzjoni.  Barra minn dan l-artikolu 337(1) jipprovdi hekk:

'Fil-każ ta' frodi, il-piena stabbilita titnaqqas bi grad jew b'żewġ gradi, kemm-il darba l-ħati, QABEL ma tibda titmexxa xi proċedura kriminali kontra tiegħu, jrodd għal kollox il-ħsara kkaġunata mir-reat.'

Joħroġ ċar mill-atti li dan il-ħlas (li lanqas hu ċar huwiex kollu jew le) **ma sarx qabel** bdew il-proċeduri.  Filfatt l-ewwel seduta kienet fil-5 ta' Marzu, 2009.

Barra din l-imputazzjoni kien hemm l-imputazzjoni numru 3 (serq ta' €250) (fejn il-vittma huwa s-sur George Galea) li għaliha japplika l-artikolu 279(a) tal-Kap 9 li jġorr piena ta' **bejn ħames xhur u tliet snin**.
Imbagħad hemm l-imputazzjoni numru 9  (fejn jissemmew Raymond Calleia – li allegatament ma kienx intraċċjat) u George Galea.  Għal din l-imputazzjoni japplika  l-artikolu 294 tal-Kap 9 li jġorr piena ta' bejn **seba' xhur u sentejn** u dan ġie ammess kif inhu.

Ukoll jekk f'dawn l-aħħar dawn tliet imputazzjonijiet japplika l-artikolu 17(b) tal-Kap 9, xorta l-piena ta' sentejn mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati hija fil-parametri tal-Liġi.

Ma’ dawn wieħed irid iżid il-piena tal-falsifikazzjoni u tal-użu tal-falsifikazzjoni.  Mhux kollox hu mezz għall-fini.  Fil-fatt il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu tal-Ewwel Sena jagħmilha ċara li l-falsifikazzjoni u l-użu tad-dokument falsifikat ma jitqisux mezz għall-fini.

Din il-Qorti hija moralment konvinta li l-Qorti tal-Maġistrati lanqas biss ikkonsidrat l-imputazzjoni 10 fil-konteġġ tal-piena.  Għalhekk il-piena ta’ sentejn hija  waħda fil-parametri tal-liġi, aktar u aktar meta wieħed jikkonsidra li dawn ir-reat saru f’Novembru 2008 wara li sena qabel l-appellanti kienet ingħatat tliet sentenzi sospiżi.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad dan l-ewwel aggravju.

**It-Tieni Aggravju**

Dan l-aggravju huwa prattikament apprezzament tal-istat tal-appellanti.  Il-Qorti semgħet tliet xhieda.  Xhud minnhom kien wieħed mill-vittmi. Biss il-Qorti xtarret sew dak li qalet il-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha.

Il-Qorti tal-Maġistrati qalet hekk:

‘Il-Qorti ma taqbilx mad-difiża li l-imputata għandha tingħata opportunita’ oħra. Mill-atti proċesswali jirriżulta li hija ngħatat mhux opportunita’ waħda iżda erba’ opportunitajiet minn din il-Qorti sabiex tirriforma ruħha fejn anki tpoġġiet taħt Ordni ta’ Probation u ngħatat tliet sentenzi sospiżi f’perjodu qasir.  **<u>Iżda hija sfortunatament kompliet fit-triq il-ħażina u addirittura użat lil bintha minuri ta’ tmien snin  sabiex teffettwa l-ingann.....U wara dan kompliet tapprofitta ruħha mill-bonta’ tagħhom  billi (sottolinear ta’ din il-Qorti)</u>** serqitlihom iċ-ċekkijiet u l-flus u ffalsifikat il-firem tagħhom. Il-Qorti ma tħossx li mis-Social Inquiry Report jirriżulta b’mod konvinċenti li l-imputata rriformat ruħha b’tali mod li hija għandha tingħata l-ennesima piena alternattiva għal dik karċerarja.’

Il-Qorti nnotat ukoll li l-appellanti m’għamlitx xi ammissjoni bikrija iżda ammettiet biss wara li kienu nstemgħu x-

xhieda kollha. Il-Kawża bdiet tinstema' fil-5 ta' Marzu 2009 u l-appellanti ammettiet fit-3 ta' Ġunju 2011.

Il-Qorti mhix qed tara għala għandha tilqa' dan it-tieni 'aggravju' jekk jista' jissejjaħ aggravju. Iżda, bħala l-aħħar sforz u biex forsi l-appellanti tirriforma ruħha tassew, ser testendi tnejn mis-sentenzi li fihom l-appellanti kienet ikkundannata għal piena ta' priġunerija sospiża kif ser jidher fil-konklużjoni. Dawn qed testendihom biss wara li semgħet qarib tal-appellanti li kienet vittma (is-sentenza tibqa' fis-seħħ xorta waħda) kif ukoll referenza li saret għall-ħlas ta' xi pagamenti.

Iżda huwa mpossibbli li s-sentenza oriġinali ma tkunx waħda effettiva u li ma tinġiebx fl-effett waħda mis-sentenzi li kienu sospiżi. L-appellanti ma ħabblitx rasha dwar x'kellha mdendel fuq rasha u issa, meta rat li ser tħallas għal għamilha għaliex ingħatat erba' ċansijiet u remithom, ser jibda t-talb għall-ħniena b'ħafna skużi. Is-soċjeta' għandha dritt għas-serħan tal-moħħ ukoll.

**Konklużjoni**

**Għaldaqstant il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fis-6 t'Ottubru 2011 billi waqt li qed tikkonfermaha fejn sabet lill-appellanti ħatja tal-imputazzjonijiet 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 11, qed tilliberhaha mill-għaxar imputazzjoni minħabba li dwar din l-għaxar imputazzjoni kienet diġa' ppronunzjat ruħha din l-istess Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta u fejn imponiet fuqha piena ta' sentejn priġunerija (fol 192 par.1) u fejn ġabet fis-seħħ il-piena ta' priġunerija ta' 18-il xahar li kienet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Alexander Cross et' fit- 2 t'Ottubru 2007 u qed tirrifomaha u tħassarha fejn ġabet fis-seħħ il-piena ta' sentejn priġunerija sospiża għal tliet snin mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Alexandra Cross' fil-31 ta' Ottubru 2007 u fejn ġabet fis-seħħ is-sentenza ta' disa' (9) xhur priġunerija sospiżi għal sentejn mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati**

**(Malta) permezz ta' sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Alexia Cross' fis-6 ta' Diċembru 2007 u minflok, wara (i) li rat ix-xhieda ta' Lukie Mangion u (ii) ir-rikors dwar il-ħlas li sar lill-konjuġi Gauci, bit-tama li, jekk tingħata l-għajnuna, l-appellanti tibda tirriforma ruħha tassew, a tenur tal-artikolu 28B tal-Kap 9, qegħda testendi ż-żmien operattiv ta' dawn l-aħħar żewġ sentenzi għal sentejn li jibdew għaddejin mil-lum. Konsegwentement qed tħassar u tirrevoka wkoll it-total tal-perjodu ta' priġunerija ta' sitt snin u tliet xhur u, minflok, it-total il-ġdid għandu jkun ta' tliet (3) snin u sitt (6) xhur.**

**Il-Qorti qed twissi lill-appellanti li jekk twettaq xi reat matul dawn is-sentejn li ġejjin, hija tkun ikkundannata wkoll għall-perjodi ta' priġunerija ikkontemplati fis-sentenzi estiżi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------